**NAXXAR**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SEBA' KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 3 - IL-ĦAMIS, 25 TA' APRIL 2013**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fiċ-Ċentru Ċiviku fi Vjal il-21 ta' Settembru fis-19:33pm.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Maria F. Deguara, M.D. | Sindku |
| | Clinton Sammut | Kunsillier |
| | Alexander Agius | Kunsillier |
| | Pauline Miceli | Kunsillier (Waslet fit-7:40pm) |
| | Pierre Sciberras | Kunsillier |
| | Louis Bonnici | Kunsillier |
| | Paul Gatt | Segretarju Eżekuttiv |
| | Romina Perici Ferrante | Accountant |
| Skużati: | Anne Marie Muscat Fenech Adami | Viċi Sindku |
| | Clifford Galea | Kunsillier |
| | Noel Gatt | Kunsillier |
| | Maryanne Cuomo | Chairperson BIC |
| Pubbliku: | Ma kienx hemm pubbliku preżenti. | |

## 1. APOLOĠIJI

1.1. Is-Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Viċi Sindku kienet infurmatu li ma tiflaħx, il-Kunsillier Gatt kien xogħol, il-Kunsillier Galea kien avża fl-aħħar laqgħa li se tkun diffiċli għalih li jattendi u ċ-Chairperson ma setgħetx tattendi. Dawn kienu meqjusa skużati.

1.2. Kopja tal-email li tavża dan in-nuqqas annessi f'A.

## 2. RAPPORT FINANZJARJU GĦAS-SENA 2013 VERIFIKAT

2.1. Kien ippreżentat ir-rapport finanzjarju verifikat li kien għadda lill-Kunsillieri qabel il-laqgħa.

2.2. L-Accountant infurmat li dak kien jinkludi l-aġġustamenti mitluba mill-Awdituri u għalhekk jista' jkun li xi aġġustamenti li saru jkunu suġġettivi u mhux kulħadd jinterpretahom l-istess. Madanakollu hija tħoss li l-Kunsill għandu joqgħod fuq il-kelma tal-Awdituri.

2.3. Il-Kunsillier Bonnici staqsa numru ta' mistoqsijiet (li kienu intbagħat qabel il-laqgħa lis-SE) bħala kjarifika. Dawn kienu mwieġba kif jidher anness f'B.

2.4. Sadanittant il-Kunsill talab lis-SE biex jinsisti ma' Green MT biex iħallsu kemm jista' jkun malajr.

2.5. Wara dan ir-rapport finanzjarju kien approvat *nem con*.

## 3. APPROVAZZJONI TAR-RAPPORT FINANZJARJU GĦALL-KWART JAN-MAR 2013

3.1. Is-SE ippreżenta r-rapport finanzjarju għall-kwart Jannar sa Marzu 2013.

3.2. Wara spjega ħafifa mill-*accountant* dan kien approvat *nem con*.

## 4. TMIEM IL-LAQGĦA

4.1. Il-laqgħa intemmet fit-8:30pm.

**Maria F. Deguara** *MD,MMCFD*
Sindku

**Paul Gatt** *Dip.Mgmt (Henley), MIM*
Segretarju Eżekuttiv

# A

08/05/2013 Gmail - Finance meeting

Gmail by Google

Paul Gatt <[redacted]>

## Finance meeting

**Anne Marie Muscat Fenech Adami** <[redacted]> 25 April 2013 17:43
To: Paul Gatt <[redacted]>

Paul

I'm sorry I cannot make it this evening because I'm not feeling well.

Regards

Anne Marie Muscat Fenech Adami

---

08/05/2013 Gmail - (no subject)

Gmail by Google

Paul Gatt <[redacted]>

## (no subject)

**cliffordgalea** <[redacted]> 25 April 2013 21:03
Reply-To: cliffordgalea <[redacted]>
To: [redacted]

Pls note that as advised in last council meeting i was unable to attend. Sry for not sending before as i had no net connection.

Thx a lot
Clifford

Sent from Samsung Mobile

---

08/05/2013 Gmail - Laqgha 25-4-2013

Gmail by Google

Paul Gatt <[redacted]>

## Laqgha 25-4-2013

**Gatt Noel at MDH** <[redacted]> 25 April 2013 19:19
To: Paul Gatt <[redacted]>

Sur Gatt,

Nitolbok tizkuzani mil-laqgha tal-lum ghax ninsab xoghol.

Grazzi u tislijiet

Noel Gatt

# B

**Kjarifiki dwar ir-rapport finanzjarju – mistoqsijiet mill-Kunsillier Louis Bonnici u mwieġba mill-accountant tal-Kunsill Romina Perici Ferrante.**

**LB:** Kien hemm żieda qawwija bħala Office services minn € ,6905 għal € 22,144.

***RPF:*** *Iż-żieda kienet dovuta għall-istampar tal-ktieb Viva l-Vitorja u stampar ta' fuljetti li jirriklamaw l-attività tal-Milied. Sfortunatament l-Awdituri ma' nkludewx in-nefqa tal-ktieb mal-istocks kif normalment wieħed jistenna.*

**LB:** Kien hemm żieda fis-servizzi professjonali minn € 55,682 għal € 70,426.
***RPF:*** *L-ispejjeż relatati kienu magħmula minn:*

- *C&C Projects €2500 (Qabel il-kuntratt tal-perit preżenti l-Kunsill ma kienx qiegħed iħallas flus fuq perizja. Dan beda lejn l-aħħar tas-sena 2011 u għalhekk tidher id-differenza)*
- *Handyman Service €3219*
- *Legal Fees and services €4822 (Żdiedu minħabba l-fatt li kien hemm spejjeż ta' kawżi)*
- *Football Ground Warden €738*
- *Guard & Warden €1271 (l-aktar għal spejjeż waqt attivitajiet)*
- *Nursing Fees €436*

**LB:** Hemm xi raġuni speċifika għaliex hemm ammont ta' €90,148 bħala debituri li huma aktar minn sena. Kemm minnhom jistgħu eventwalment jiġu klassifikati bħala *bad debts*?
***RPF:*** *Sal-aħħar tas-sena kien hemm €21,900 dovuti mill-KSI għal xogħol ta' tiswija ta' trinek għall-2009 li kienu għadhom ma waslux imma li suppost jibqgħu dovuti. KSI għadhom dovuti l-ammonti ta' €13,350 għas-snin 2010 u 2011. Hemm ammont ukoll ta' €51,859 dovut mill-MEPA għall-proġett ta' Triq in-Naħal.*

**LB:** Note 23 – Tidher li hemm xi problemi; tista' tikkummenta dwarha?
***RPF:*** *Note 23 tfisser li biex jitħallsu l-kredituri kollha il-Kunsill ikun irid jirċievi l-ammonti kollha dovuti għaliex inkella l-Kunsill ikollu problema. Għalhekk huwa importanti li l-Kunsill jiġri wara flusu.*

**LB:** Id-dħul tal-infurzar lokali qiegħed ikun mitfuh taħt sorsi oħra?
***RPF:*** *Dwar l-infurzar lokali il-Kunsilli m'għadhomx aktar jieħdu flus miċ-ċitazzjonijiet għaliex l-unika ħlas li jieħdu l-Kunsilli huma persentaġġ ta' 10% fuq iċ-ċitazzjonijiet li jitħallsu fil-Kunsill.*

**LB:** Il-Kunsill huwa konxju mill-ammonti li jistgħu jinġabru kontra l-ammonti dovuti u l-ispejjeż kommessi?
***RPF:*** *Dwar l-ammonti li jridu jinġabru dawn huma l-persentaġġ ta' 10% mill-ħlas taċ-ċitazzjonijiet, reklamar kif ukoll l-ammonti kif imsemmija aktar il-fuq. Ammonti oħra dovuti huma dwar nursing (għalkemm dawn jindħlu regolarment). Hemm ukoll kontijiet dovuti lill-Kunsill mingħand Green MT li qatt ma tħallsu lill-Kunsill.*